# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar il-Hamis 5 ta' Mejju 2016**

**Kawza Numru : 14**
**Rikors Numru : 1118/2009 JPG**

**Joseph u Maria Victoria konjugi Borg**

**VS**

(1) **Onorevoli Prim Ministru**
(2) **Ministru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni**
(3) **Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors ta' Joseph u Maria Victoria konjugi Borg tas-16 ta'Novembru 2009 (a fol. 1 et seq.); li jaqra hekk:

*""Illi b'sentenza moghtija fil-31 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet "Maria Victoria u Joseph konjugi Borg vs. Sindku u Segretarju Ezekuttiv in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Pieta"' il-Prim'Awla tal-Qorti Civili iddikjarat illi l-imposizzjoni ta' zona rizervata ghar-residenti hija 'ultra vires' is-setghat moghtija lill-Kunsill Lokali li jaghmel 'bye-laws' a tenur ta' l-Att XV tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali fuq dan l-aspett, minbarra li hija mizura preferenzjali; iddikjarat u ddecidiet illi l-Kunsill Lokali Pieta' agixxa*

*'ultra vires' is-setghat tieghu skond il-ligi fil-konfront ta' l-attur; iddikjarat nulla u bla effett il-kontravenzjoni numru 071-07367-1 ghal parkeggjar f'zona riservata; u ddikjarat nulla r-registrazzjoni li saret fil-Licensing Office dwar l-ammenda ta' Lm20 imposta fuqu.*

*Illi b'sentenza moghtija fid-19 ta' Mejju 2009 fl-istess ismijiet il-Qorti ta' l-Appell cahdet l-appell u kkonfermat is-sentenza appellata.*

*Illi permezz ta' Avviz Legali 200 tal-2009 il-Prim'Ministru u l-Ministru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunrkazzjoni, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, ghamel regolament imsejjha "Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skemi ta' Ipparkjar Kontrollar (Residenzjali u Kummercjali) jew "Controlled Parking Schemes (Residents and Commercial) (Amendment) Regulations, 2009" li permezz tieghu identifika taht l-Ewwel Skeda tieghu zoni ghal parkeggar minn residenti. Fit-Tieni Skeda tieghu, l-imsemmi regolament jikkrea "permess ta' residenti"1i permezz tieghu huma jistghu jipparkeggaw il-vettura taghhom f'zona kkontrollata billi jwahhlu tali permess fuq il-windscreen tal-vettura taghhom.*

*Illi l-imsemmi regolament jiddistingwi u jiddiskrimina bejn residenti ta' lokalita' u dawk mhux ikkunsidrati residenti u jaghti trattament preferenzjali lil dawk ikkunsidrati residenti, filwaqt li, fl-eventwalita' li xi hadd minn dawn ta' l-ahhar jipparkegga 1-vettura tieghu jew taghha hemm, jippenalizzah/a permezz ta' ammenda li tigi imposta.*

*Illi b'rizultat ta' l-imsemmi regolament, persuni kkunsidrati mhux residenti ma jistghux jipparkeggaw il-vettura taghhom f'zona kkontrollata li hija rizervata ghar-residenti u ghalhekk ma jkunx possibbli ghalihom li jsibu jipparkeggaw il-vettura taghhom f'zoni popolari bhal, per ezempju, Tas-Sliema, u partijiet ohra ta'Malta ffrekwentati hafna. Huma jkollhom ihallsu ammenda kull darba li ma jsibux jipparkjaw il-vettura taghhom u jkunu kostretti jhalluha f'zona kkontrollata rizervata ghar-residenti .*

*Illi ghalkemm id-decizjoni tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell inghatat f'kawza bejn ir-rikorrenti u l-Kunsill Lokali Pieta', il-principju hemm deciz kien illi ma jistghux jigu vvantaggiati r-residenti ta' lokalita' fuq residenti ta' lokalita' ohra.*

*Illi l-ebda ligi jew regolament ma jista' jiddiskrimina favur residenti ta' lokalita' a skapitu ta' persuni appartenenti lil lokalita' ohra f Malta. Bhalma gie ritenut fil-kawza msemmija, kull min ihallas l-istess ammont ghal-licenzja, huwa intitolat ghall-istess drittijiet.*

*Illi jinghad espressament fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti -*

> *"Izda ma tistax il-Qorti fuq l-aspett uman ma tqisx il-povru cittadin li gurnata minnhom jidhol il-Belt u jaqla' citazzjoni u ghalhekk imur sal-Hamrun u hemm jaqla' ohra; wara jitla' sa l-Imdina u jaqla' ohra; wara jmur jara lil xi familjari l-isptar u jaqla' ohra ghax dawn il-lokali ghamlu parking ghar-residenti. Wara li jkun qala' r-raba' citazzjoni jmur id-dar tieghu fejn ma hemmx residential parking u jsib li ma jistax jipparkja ghax hemm nies mill-Belt, minn tal-Pieta', mill-Hamrun, mill-Mdina ecc."*

*Illi m'hemmx dubju ghalhekk illi l-Avviz Legali 200 tal-2009 jaghti trattament preferenzjali lil x'uhud u jiddiskrimina ma' xi uhud ohra, u inoltre sahansitra jippenalizza bil-hlas ta' ammenda lil dawn ta' l-ahhar. L-imsemmi Avviz Legali jikkontempla tali trattament diskrimatorju minghajr ebda gustifikazzjoni ragonevoli u o ggettiva ghal tali trattament differenzjali .*

*Illi regolament maghmul bl-Avviz Legali 200 tal-2009 huwa min-natura tieghu diskriminatorju u ghalhekk f'socjeta' demokratika huwa kkunsidrat antiguridiku u gie maghmul b'abbuz tas-setgha moghtija mil-Ligi lill-awtoritajiet pubblici – f'dan il-kaz, il-Prim Ministru u l-Ministru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, kif ukoll l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta.*

*Illi in kwantu r-Regolamenti kontenuti fl-Avviz Legali 200 tal-2009 jemendaw ir-Regolamenti kontenuti fl-Avviz Legali 293 tal-2001 jigifieri r-Regolamenti dwar Skemi ta' Ipparkjar Kontrollat (Residenzjali u Kummercjali), l-imsemmi Avviz Legali 293 tal-2001 ghandu l-istess karatteristici ta' preferenza u trattament diskriminatorju li*

*ghandu l-A.L. 200 tal-2009, u dan peress li jaghtu l-istess vantaggi ghal residenti u jimponu wkoll hlas ta' penali ghal dawk mhux residenti.*

*Illi ghalkemm l-imsemmija Regolamenti jindikaw li gew maghmula "Bis-sahha tas-setghat moghtija bl-artikoli 33(d) u 72 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali u tal-artikolu 54 tat-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku", l-ebda wahda minn dawn id-dispozizzjonijiet tal-Ligi ma taghti s-setgha lill-awtoritajiet konvenuti li jiddiskriminaw ma' u jippenalizzaw b'ammont monetarja lil dawk ikkunsidrati mhux residenti, filwaqt li jaghtu trattament preferenzjali lil dawk identifikati bhala residenti.*

*Illi l-Avviz Legali 293 tal-2001 u l-Avvrz Legali 200 tal-2009 huma wkoll lezivi tad-drittijiet ta'l-esponenti naxxenti minn ligijiet ohra, fosthom l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*(1) tiddikjara u tiddeciedi illi ghar-ragunijiet hawn fuq imfissra u ohrajn li sejrin jissemmew waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-Avviz Legali 293 ta'l-2001 kif ukoll l-Avviz Legali 200 ta' l-2009 huma diskriminatorji u ghalhekk abbusivi u illegali;*

*(2) tiddikjara nulli u bla effett l-Avviz Legali 293 ta' l-2001 u l-Avviz Legali 200 tal-2009.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati, li huma ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' l-Onorevoli Prim Ministru ghall-Infrastruttura, Trasport u Kominikazzjoni u l-Awtorita' dwar it-Trasport ta'Malta tas-17 ta' Dicembru 2009 (a fol. 7 et seq) li taqra hekk:

1. *Illi in linea preliminari, l-atturi m'ghandhomx interess guridiku sabiex jistitwixxu din il-kawza peress illi ma gewx effettwati b'ebda mod dirett u attwali bil-ligijiet li qed jallegaw li huma diskriminatorji, illegali u abbusivi (Dana kif jidher ukoll mis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet* ***Maria Victoria u Joseph koniugi Borg vs Sindku u Segretarju Ezekuttiv in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Pieta'*** *deciza fit-19 ta' Mejju 2009). Kif ukoll, interess purament morali ma jistax jammonta ghal interess guridiku ai termini tal-Ligi.*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linja preliminari, l-intimata l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta m'hix il-legittima kontradittrici f'din il-kawza.*

3. *llli minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma tezisti ebda forma ta' diskriminazzjoni, illegalta' jew abbuz. Anzi l-entitajiet kompetenti aggixxu fl-interess pubbliku u zammu l-proporzjonalita' u l-bilanc necessarju bejn l-interessi ta' residenti u dawk li mhumiex residenti.*

4. *Illi t-talbiet kif ntavolati fir-rikors odjern huma piutost vagi u minhabba f'hekk l-esponenti umilment jitlobu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lill-istess rikorrenti sabiex jispecificaw b'aktar precizjoni ezattament taht liema artiklu fil-ligi, r-rikorrenti qieghdin jibbazaw t-talbiet tieghhom u f'dan r-rigward l-esponenti qieghdin prezentement jirrizervaw t-posizzjoni taghhom f'kaz li jkun hemm bzonn li ssir xi risposta ulteriuri wara li r-rikorrenti jkunu ghamlu l-indikazzjonijiet msemmija;*

5. *Illi, minghajr pregudizziu ghall-premess, jekk r-rikorrenti qieghdin jibbazaw ruhom fuq l-Artiklu 469A, qed jigi umilment sottomess illi din l-azzjoni hija bla bazi legali stante illi dak l-Artiklu jghodd biss ghall-emghejjel amministrattivi u mhux ghal xi eghmil legislattiv;*

6. *Illi ukoll minghajr pregudizzju, l-hrug ta'avvizi legali ma iistax jitqies bhala eghmil amministrattiv izda wiehed legistativ u minhabba f'hekk, dejjem jekk r-rikorrenti qieghdin jibbazaw l-azzjoni taghhom fuq l-Artiklu 469A, allura din l-azzjoni ghandha tigi ddikjarata bhala bla bazi legali u tigi kkancellata;*

7. *Illi, minghajr pregudizzju,jekk r-rikorrenti qieghdin jibbazaw ruhom fuq l-Artiklu 469A fuq msemmi u f'kaz li l-hrug ta' avvizi legali jitqiesu min din l-Onorabbli Qorti bhala eghmejjel amministrativi - argument li l-esponenti assolutament jichdu bl-akbar qawwa, allura t-talbiet taghhom (ir-rikorrenti) in kwantu jikkoncernaw l-Avviz Legali 293 tal-2001 huma preskritti stante illi t-talbiet fil-konfront tal-Avviz Legali msemmi gew ntavolati wara l- perijodu ta'sitt xhur permess mill-ligi, skond l-istess Artiklu;*

8. *Illi, ukoll minghajr pregudizzju, jekk invece r-rikorrenti qieghdin jibbazaw ruhu fuq l-Artiklu specifiku tal-Kostituzzjoni allura, l-esponenti umilment jissottometti din l-Onorabbli Qorti fil-gurisdizzioni premessa m'ghandhiex l-mansjoni biex tiddeciedi kwistionijiet ta' din n-natura u ghandha tiddikjara dan r-rikors null;*

9. *Illi, minghajr pregudizzju, f'kaz li r-rikorrenti qieghdin jibbazaw ruhu fuq l-Artiklu 14 tal-Konvenzjoni, allura f'dak il-kaz, minbarra li ghandhom jiddikjara ruhom specifikament f'dan r-rigward, l-esponenti jhossu li l-fatti kif ghandhom jirrizultaw waqt t-trattazzjoni ta' dan r-rikors ma jistghux jitqiesu bhala diskriminatorji u minhabba f'hekk t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda;*

10. *Illi minghajr pregudizziu, u fir-rigward tal-lista tax-xhieda msemmija mir-rikorrenti, l-esponenti jhossuhom li l-ahhar xhieda msemmiia mir-rikorrenti fil-lista tax-xhieda taghhom meta semmew 'Persuni li identifikaw ruhhom b'isimhom u kunjomhom fuq il-website – timesofmalta.com fin-news item 'Man plans legal action on parking schemes' huma piutost vagi u fl-ahjar ipotesi, r-rikorrenti ghandhom almenu iindika b'precizioni d-data tat-msemmija news item sabiex l-esponenti jkunu jistghu jaghmlu l-verifiki idoneii specjalment ai fini ta' rilevanza, iekk ikun il-kaz;*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlobu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex a bazi tas-suespost u a bazi ta'kwalunkwe prova u/jew sottomissjoni li tista tingieb skond il-ligi fi kwalunkwe stadju tat-trattazzjoni ta'dan r-rikors, li tichad t-talbiet rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.”*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-14 ta' Jannar 2010 (a fol. 15) li permezz tieghu innominat il-Perit Legali Dr. Ramona Frendo ;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi Joseph u Maria Victoria konjugi Borg tal-25 t'April 2013 (a fol. 27 et seq);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Onorevoli Prim Ministru u tal-Ministru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni tal-21 ta' Gunju 2013 (a fol. 37 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta tas-26 ta' Gunju 2013 (a fol. 47 et seq.);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Ramona Frendo prezentat fil-15 t'Ottubru 2014 u mahluf fil-11 ta'Dicembru 2014 (a fol. 67 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi Joseph u Maria Victoria konjugi Borg tat-23 ta'Settembru 2015 (a fol. 405 et seq);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Onorevoli Prim Ministru u tal-Ministru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni tat-8 ta' Jannar 2016 (a fol. 417 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Awtorita' dwar it-Trasport f'Malta (illum maghrufa bhala l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta) tal-4 ta' Frar 2016 (a fol. 428 et seq.);

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Mejju 2016 li permezz tieghu din il-Qorti kkonvertiet ruhha f'Sede Kostituzzjonali;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Fl-**Affidavit** tieghu l-attur Joseph Borg a fol. 126 et seq xhed illi fl-ahhar tas-sena 2004, l-atturi kienu pprezentaw kawza[1] illi permezz taghha huma kienu talbu lil dina l- Qorti sabiex tiddikjara illi zona rizervata ghar-residenti kif kien ipprovda l-Kunsill Lokali, Pieta`, kienet *ultra vires* is-setghat moghtija lill-Kunsill Lokali, kif ukoll kienet tikkostitwixxi mizura preferenzjali. Tali talbiet ta' l-atturi kienu gew milqugha u s-sentenza giet ikkonfermata fl-appell.

Wara tali sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, il-Gvern ippubblika diversi avvizi legali illi permezz taghhom rega' ta l-poter lill-Kunsilli Lokali sabiex jipprovdu zoni ta' parkegg preferenzjali. Skond l-attur, tali agir da parti tal-Gvern huwa abbuziv, illegali u b'disprezz lejn l-awtorita` ta' l-Onorabbli Qorti.

Permezz ta' l-Avviz Legali ta' l-2001, illi l-attur kien oggezzjona ghalih, il-Kunsill Lokali seta' jipprovdi ghal partijiet fit-toroq illi jkunu rizervati ghar-residenti tal-lokal biss, b'detriment ghar-residenti ta' lokalitajiet ohra illi jigu mcahhda mill-parkegg. Inoltre, tali mizura kienet taghti vantagg u tiddiskrimina bejn persuni illi jigu mill-istess lokalita`, fis-sens illi whud inghataw parkegg preferenzjali vicin ir-residenza taghhom, filwaqt illi ohrajn le.

Permezz ta' l-Avviz Legali ta' l-2009, il-Kunsill Lokali nghata s-setgha illi jiddikjara toroq fil-lokal tieghu illi fihom parkeggjar ta' vetturi jkun ipprojbit ghal kull cittadin minn kull lokalita`. L-attur joggezzjona ghal tali sistema ghaliex b'hekk il-Kunsill Lokali nghata l-fakolta` illi jaghti permess ta' residenti intenzjonalment ghar-residenti biss illi jkunu joqoghdu fit-triq fejn hemm ir-restrizzjoni. Inoltre, tali sistema tintuza mill-Kunsilli Lokali sabiex jaghmlu diskriminazzjoni politika meta jigu biex jikkonsidraw l-applikazzjonijiet mir-residenti tal-lokal taghhom.

[1] Cit. Numru 494/2004/LFS.

L-attur ma jistax jaccetta illi jkun hemm post vakanti ghall-ipparkegjar u huwa ma jkunx jista' juzah ghaliex ikun rizervat ghal persuni ohra li jhallsu l-istess *road tax* bhalu.

Skond l-attur, ir-regolamenti ta' l-Avviz Legali 200/2009 huma aktar diskriminatorji minn dawk precedenti peress illi r-Regolamenti precedenti kienu jiddiskriminaw bejn ir-residenti ta' dik il-lokalita` fil-konfront ta' residenti ta' lokalita` ohra, filwaqt illi l-Avviz Legali 200/2009 oltre din id-diskriminazzjoni illi baqghet, jiddiskrimina wkoll bejn residenti fl-istess lokalita`.

Fil-fehma ta' l-attur, jekk il-Kunsilli tal-lokalitajiet rispettivi japplikaw il-poteri moghtija lilhom b'dan l-Avviz Legali, familjari illi jzuru r-residenza ta' l-attur ma jistghux jipparkjaw hdejn ir-residenza ta' l-attur u *vice-versa*.

Il-permess tar-residenti ma jirrikjedix hlas *extra*, pero` jinghata biss lir-residenti ta' triq partikolari sabiex jipparkjaw f'dik it-triq partikolari, u ma jaghtix permess lil residenti ohra ta' l-istess lokalita` jew fil-vicinanzi.

Sabiex jinhareg dan il-permess, ma jsir l-ebda hlas lill-Awtorita` konvenuta oltre l-licenzja tal-vettura. Ir-resident jinghata *sticker* illi jitwahhal fuq il-*windscreen* tal-karozza sabiex ma jehilx citazzjoni jekk jipparkja f'zona ta' *parking* limitat.

L-attur Joseph Borg kompla jixhed a fol. 136 et seq illi jaf illi s-Sindku tas-Swieqi kien qieghed jaghti permessi lil certi residenti sabiex jipparkjaw f'toroq partikolari gos-Swieqi mentri l-attur, illi wkoll jirrisjedi s-Swieqi, ma nghata ebda permess.

L-attur ghamel ricerka bl-*internet* dwar sistemi simili barra minn Malta u rrizultalu illi: hemm kazijiet fejn resident jinghata l-opportunita` esklussiva illi jipparkja quddiem ir-residenza tieghu, izda dan dejjem bi hlas lill-Kunsill tal-lokal; persuni jistghu jigu impeduti milli jipparkjaw f'certa lokalita` ohra fejn ukoll ikunu qed ihallsu r-*road tax*; hemm Sindki illi jallokaw terren bhala *parking* ghar-residenti jew ahjar ghall-pubbliku in generali, bi hlas, sabiex itaffu l-problema tal-*parking* u ma hemm l-ebda skema ta' *parking* ghar-residenti bla hlas, hlief ghal persuni b'dizabilita` jew ghal ragunijiet ta' sigurta`.

L-attur Joseph Borg in kontro-ezami xehed a fol. 139 et seq illi s-sistema ta' parkegg residenzjali illi qieghda tigi kkontestata minnu tintuza zgur fil-Birgu, Swieqi, f'certi toroq f'tas-Sliema, u diversi postijiet ohra.

L-attur ma jafx min jaghmel dawn ir-restrizzjonijiet u lanqas jaf jekk il-Kunsill ikollux l-awtorizzazzjoni ta' l-Awtorita` konvenuta, jew jagixxix minn jeddu. Meta talab kjarifika mill-Kunsill Lokali tas-Swieqi, l-attur baqa' minghajr risposta.

L-attur ihoss illi huwa qieghed jigi diskriminat anke fil-lokalita` tas-Swieqi stess ghaliex jista' jkun hemm post vakanti izda huwa ma jkunx jista' jipparkja hemmhekk, peress illi dan ikun rizervat ghal min ikollu l-permess.

L-attur ma applikax biex ikollu parkegg residenzjali magembu, pero` applika ghal *residents' parking permit* ossia biex ikun jista' jipparkja f'postijiet rizervati ghar-residenti anke f'toroq fejn ma jirrisjedix huwa fis-Swieqi stess. Dan l-attur ghamlu minkejja illi huwa kontra l-kuncett ta' parkegg residenzjali –huwa ghamel hekk biex jara r-reazzjoni tal-Kunsill, pero` baqa' bla risposta.

L-attur jinsab informat illi kull Kunsill ghandu l-facilita` illi johrog permess ghar-residenti tieghu.

L-attur ma jafx x'percentagg ta' spazji ta' *parking* huwa rizervat meta komparat mat-total ta' spazji ta' *parking* disponibbli fil-lokalita`, ghaliex ma jinteressahx. Huwa la ghamel ezercizzju ta' kalkolu ta' percentwali fis-Swieqi, u lanqas f'ebda lokalita` ohra ghaliex ghall-attur, anke jekk ikun hemm spazju wiehed vojt illi huwa qieghed jigi diskriminat milli juza, huwa bizzejjed.

L-attur ma jhossx illi spazji ta' parkegg rizervati ghal persuni b'dizabilita`, *taxi stand, loading/unloading*(purche` dana jkun ghal hin limitat)huma diskriminatorji, u lanqas ma jsib oggezzjoni fejn ikun hemm parkegg rizervat ghal ragunijiet ta' sigurta`, bhal per ezempju hdejn Bank. Lanqas l-attur ma jhossu diskriminat illi ma jistax ighaddi mill-*bus lane* ghaliex dak mhux *parking.* Pero` huwa jhossu diskriminat meta jkun hemm *parking* rizervat quddiem xi ufficini tal-Gvern, jew quddiem xi banka tal-lottu.

Mistoqsi jekk l-argument tieghu huwiex illi l-Gvern huwa prekluz milli jghaddi ligijiet a beneficcju esklussiv tar-residenti ta' lokalita` partikolari, l-attur wiegeb illi jekk tali ligijiet ikunu diskriminatorji in konnessjoni ma' residenti minn lokalitajiet ohra, allura l-Gvern huwa prekluz milli jghaddihom.

Permezz ta' l-Affidavit ipprezentat nhar it-28 ta' Dicembru 2009, Sandro Bugeja prodott mill-atturi, iddikjara illi huwa joggezzjona ghall-iskemi ta' parkegg residenzjali kif implimentati mill-Kunsilli Lokali ai termini ta' l-Avvizi Legali tas-sena 2009 ghaliex li kieku kull rahal kellu jaddottahom, hadd ma jkun jista' jipparkja l-vettura tieghu barra mil-lokalita` tieghu. Inoltre, fl-opinjoni tieghu, tali skemi jrendu toroq pubblici f'toroq ristretti ghall-vantagg tal-minorita` preferuta.

Carmen Chircop prodotta mill-atturi, a fol. 128 et seq xhedet illi kienet kitbet intervent fuq il-*website* tat-*Times of Malta*. Hija kienet marret il-Kunsill Lokali tal-Mosta, fejn tirrisjedi, u meta tkellmet ma' l-ex-Sindku Joe de Martino u qaltlu illi tixtieq illi jkollhaparkeggprivat quddiem id-dar taghha bi hlas, dan qalilha illi ma setghetx.

Sa fejn taf Carmen Chircop, fil-Mosta ma hemmx min ghandu parkegg privat pero` f'lokalitajiet ohra hemm parkegg residenzjali minghajr hlas. Chircop derilha li dana huwa agir diskriminatorju.

Frederick Attard, a fol. 129 et seq, prodott mill-atturi,ikkonferma illi l-entrata fil-faccata 15, bin-numru 686 fil-Petizzjoni *"No to Discriminatory Residential Parking Zones"*[2] kienet tieghu.

Attard kien ikkontesta bhala *ultra vires* il-kontravvenzjoni numru 105-5039-7 dwar parkeggjar f'zona rizervata ghar-residenti, u t-talba tieghu giet milqugha mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Antonio Mizzi.

[2]Dan id-dokument jinsab esebit in atti bhala **Dok. TM1.**

John Zammit, prodott mill-atturi a fol. 130, ikkonferma illi l-entrata 649 f'pagna 16 ta' **Dok. TM1** kienet tieghu. Fl-opinjoni ta Zammit, il-Kostituzzjoni ta' Malta ma tippermettix illi ssir diskriminazzjoni kontra tieghu fil-kwistjoni ta' l-iskemi ta' parkegg residenzjali, abbazi tal-post ta' l-origini tieghu.

Zammit huwa residenti fl-iMqabba u jahdem tal-Pieta`. Meta jmur ghax-xoghol, ikollujfittex liema huma l-postijiet fejn huwa segregat milli jipparkja, sempliciment ghaliex huwa residenti l-iMqabba. Kien hemm okkazjoni fejn ix-xhud wehel citazzjoni ghax ipparkja l-vettura tieghu f'zona tar-residenti u f'tali okkazjoni huwa hallas l-ammenda relattiva taht protest.

Simon Balzan, prodott mill-atturi a fol. 131, ikkonferma illi l-entrata tieghufil-petizzjoni kontra l-iskemi ta' parkegg residenzjali hija mmarkata bin-numru 1 f'**Dok. TM1**;

Fl-opinjoni ta' Balzan m'ghandux ikun hemm diskriminazzjoni abbazi tal-post ta' residenza ta' l-individwu bhal ma jigri fil-kaz ta' *parking* residenzjali. Balzan ma jaqbilx illi jkun hemm spazju ta' parkeggvojt u huwa ma jkunx jista' jipparkja fih ghaliex ikun rizervat ghar-residenti.

Stephen Cachia rapprezentant ta' l-Awtorita` konvenuta a fol. 133,xhed illi l-kwistjoni ta' skemi ta' parkegg residenzjali mhix materja regolata mill-Awtorita` konvenuta, izda mill-Kunsilli Lokali.

Il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAL 706 ta' l-ghamla *Talbot MatraMureno*, ta' kulur abjad, hija registrata fuq Peter Borg – detentur tal-Karta ta' l-Identita` Numru 506234(M) illi joqghod Flat 2, 68, Triq San Tumas, Floriana.

Nigel Holland bhala s-Sindku tal-Floriana a fol. 134, prodott mill-atturi, illi esebixxa kopja tar-*Residential Parking Number 0030* mahrug mill-Kunsill Lokali tal-Floriana favur Peter Borg, resident il-Floriana, u detentur tal-Karta ta' l-Identita` Numru 506234(M).

Edgar Montanaro bhala Kunsillier ta' San Giljan a fol. 134 et seq, xhed u esebixxa kopja ta' sett ta' dokumenti ufficjali illi jindikaw illi Peter Borg, detentur tal-Karta ta' l-Identita` Numru 506234(M), jirrisjedi gewwa l-Floriana, u kkonferma illi l-istess Borg attwalment jirrisjedi gewwa San Giljan, proprju fl-istess triq illi fiha jirrisjedi x-xhud.

Emanuel Delia, Kap tas-Segretarjat fi hdan il-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, prodott mill-Awtorita` konvenuta a fol. 143 et seq, xehed illi kien hemm numru ta' skemi differenti dwar parkegg residenzjali illi huma regolamentati b'modi differenti. Pero` l-principju huwa illi l-ispazji pubblici ghal parkegg fuq it-triq ma jkunux disponibbli fuq bazi ta' *first-come first-served,* imma jkunu jistghu jintuzaw skond kriterji oggettivi stabbiliti fil-Ligi u li l-utent ikun informat bihom b'sinjali tat-traffiku.

L-iskemi kienu zviluppati biex iwiegbu l-bzonn illi jitwieled mill-fatt illi f'certi postijiet f'Malta, id-domanda ta' karozzi illi jridu jipparkjaw hija akbar mill-provvista ta' spazju. Minghajr tali skemi, jigu injorati numru ta' problemi illi l-ammistrazzjoni hija obbligata illi tindirizza;

Mhux kull post f'kull lokalita` ghandu l-istess dimensjoni tal-problema, u allura s-soluzzjonijiet ivarjaw minn post ghall-iehor. Ix-xhud semma s-segwenti ezempji:

- Fic-centru tal-Belt Valletta ma jipparkja hadd, lanqas ir-residenti;

- Fl-iMdina jipparkjaw ir-residenti biss, u hadd aktar;

- Fil-bqija tal-Belt Valletta jista' jipparkja kulhadd pero` r-residenti ma jhallsux u l-ohrajn ihallsu;

- F'hafna lokalitajiet ohra, ir-residenti jipparkjaw minghajr restrizzjoni mentri l-ohrajn huma ristretti ghal numru ta' sighat, u f'hafna lokalitajiet ma hemm restrizzjoni ta' xejn;

Delia spjega illi fil-Gudja, fejn ma hemmx restrizzjonijiet, meta jigu vizitaturi ghal skop jew iehor, l-assenza ta' regolamentazzjoni jew *first-come first-served,* taghmel differenza jekk tipparkjax quddiem il-bieb tieghek jew ftit passi 'l boghod. Mill-banda l-ohra, fil-Belt Valletta, *first-come first-served* effettivament tfisser illi ghandek cans tajjeb illi jkollok thalli l-karozza mijiet ta' metri 'l boghod minn darek. Delia stqarr illi jekk tali cirkostanza ma tigix regolata, ir-residenti ta' lokalita` jkunu mxekkla mid-dritt illi jgawdu d-dar taghhom.

Skemi ta' parkegg illi jaghtu priorita` lil residenti fuq sewwieqa ohra huma universali fi kwalunkwe gurisdizzjoni bi problemi simili ghal dawk ta' Malta. L-iskema illi tigi applikata trid tkun proporzjonata mal-bzonn, u hu ghalhekk illi l-iskemi illi huma applikati f'Malta, bhal dawk ta' kwalunkwe pajjiz iehor, ivarjaw minn post ghall-iehor skond il-htiega.

Delia spjega illi kien ghalhekk illi min-nofs is-snin sebghin f'Malta, kien hemm sistema illi kulhadd hlief residenti tal-Belt Valletta, ihallas biex jidhol il-Belt, u mis-snin tmenin, sewwieqa illi m'humiex residenti ta' l-iMdina ma thallewx jidhlu l-iMdina. Tali skemi immaniggjaw ir-rizorsa limitata ta' spazju billi gabu*fairness* fejn is-sistema ta'*first-come first-served* ma tibqax *fair.*

Kompla jixhed Emanuel Delia a fol. 146, in kontro-ezami u mistoqsi jekk jirrizultalux illi barra minn Malta, sabiex persuna tuzufruixxi minn parkegg tar-residenti, tkun trid thallas, ix-xhud wiegeb illi hemm kazijiet fejn jigri hekk.

Mistoqsi jekk jaqbilx illi r-raguni ghaliex il-vetturi ma jithallewx jidhlu l-iMdina hija sabiex jigi salvagwardat il-paviment u l-bini antik ta' din il-lokalita`, ix-xhud wiegeb illi ghalkemm dawn huma konsiderazzjonijiet relevanti, ir-restrizzjonijiet fuq il-karozzi ta' nies li m'humiex residenti l-iMdina kienu ilhom hemm kwazi ghoxrin sena qabel il-paviment. B'hekk l-ewwel raguni ghal skemi ta' kontroll ta' parkegg hi l-fatt illi f'certi lokalitajiet, id-domanda ghall-parkegg hija akbar mill-ispazju illi jista' jkun provdut.

Mistoqsi jekk hux minnu illi l-vetturi tar-residenti jithallew jidhlu l-iMdina a skapitu tal-paviment u tal-bini storiku ta' l-iMdina, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv u stqarr illi

li kieku ma kellhomx jidhlu karozzi fl-iMdina, kienet issir anqas hsara. Huwa kompla jghid illi gieli tittiehed decizjoni illi anke teskludi karozzi ta' residenti kif jigri f'xi toroq tal-Belt Valletta u fi Triq Bisazza tas-Sliema.

Mistoqsi ghaliex, minkejja l-hsara maghrufa illi qed jaghmlu l-vetturi tar-residenti fl-iMdina, dawn qed ikomplu jinghataw dan il-privilegg pregudizzjevoli, ix-xhud wiegeb illi dan huwa ghaliex il-politika pubblika u l-ghemil ta' legislazzjoni huma min-natura taghhom tfittxija ghall-bilanc bejn konsiderazzjonijiet illi spiss jikkompetu ma' xulxin jew jikkontradixxu lil xulxin. Fil-kaz ta' l-iMdina, il-bilanc imfittex hu bejn l-access li residenti jehtiegu ghal djarhom u kemm jibqa' sabih il-paviment, u l-bilanc illi nstab hu illi jippermetti lir-residenti jidhlu bil-karozza. Min-naha l-ohra, il-bzonnijiet ta' min izur l-iMdina ghal ragunijiet, per ezempju, turistici, m'humiex meqjusa sufficjenti biex jeghlbu l-kunsiderazzjoni illi l-iMdina, ghal diversi ragunijiet, inkluz il-paviment, ma tithalliex tfur bil-karozzi.

Mistoqsi jekk jaqbilx illi l-politika illi x-xhud kien qieghed jitkellem dwarha fir-rigward ta' l-iMdina tmur kontra l-principju illi "*the polluter pays*" billi taghti pozizzjoni privileggjata lir-residenti ta' l-iMdina illi ma jkollhom ihallsu xejn zejjed minkejja l-*pollution*, ix-xhud wiegeb fin-negattiv u spjega illi l-uzu tal-karozza u l-fatt li wiehed ikun sid taghha huwa intaxxxat. Id-drittijiet illi l-hlas doveruz ta' dawn it-taxxi jaghtu lis-sid jew lill-utent tal-vettura huma mbaghad regolati bil-legislazzjoni u regolamentazzjoni tat-traffiku. Limitatament ghall-kuncett ta' "*polluter pays*", il-Gvern jara illi t-taxxi fuq il-konsum tal-*fuels* ikunu jfissru illi aktar ma tintuza vettura, allura aktar tniggez u aktar thallas – u jistruttura t-taxxi fuq il-proprjeta` tal-vettura skond, fost kriterji ohra, kemm din tkun tniggez.

Mistoqsi jekk jafx illi b'rizultat tal-politika adottata, certu Peter Borg Hampton illi kien miet ftit tax-xhur qabel, kellu permess residenzjali fil-Floriana u permess residenzjali iehor (dejjem ta' parkegg) f'San Giljan fejn haddiehor m'ghandux lanqas permess wiehed, ix-xhud wiegeb illi ma kellu ebda informazzjoni dwar Borg Hampton, ghalkemm jassumi illi dan kien zball ammistrattiv illi x-xhud ma kienx f'pozizzjoni illi jwiegeb ghalih.

Fuq suggeriment illi l-kaz ta' Borg Hampton ma kienx zball ammistrattiv izda abbuz

illi s-sistema taghti lok ghalih, ix-xhud wiegeb illi dana ma jistax jigi deskritt bhala abbuz ghaliex resident hu mifhum illi hu persuna illi torqod f'post ghal mill-anqas nofs l-iljieli f'sena.

Mistoqsi jekk jafx bis-sentenza fl-ismijiet **Victoria Borg et vs Sindku Kunsill Lokali Pieta`**, ix-xhud wiegeb illi huwa kien jaf b'tali sentenza u illi l-konsulenti legali ta' l-Awtorita` konvenuta m'humiex tal-parir illi dik is-sentenza b'xi mod thedded il-validita` legali tar-Regolamenti dwar skemi ta' parkegg residenzjali illi kienu fis-sehh qabel is-sentenza u li baqghu fis-sehh wara.

In kontro-ezami ta' Emanuel Delia a fol. 153 et seq, xhed illi f'zoni fil-gurisdizzjoni ta' *Liverpool City Council, Nottingham City Council, Middlesborough Council, Cumbria County Council, Swanlea Town Council*, u *Telfor and Wrekin Council*, hemm adoperata sistema ta' parkegg bla hlas ghar-residenti[3]. Ix-xhud pero` jaf illi hemm gurisdizzjonijiet fejn il-parkegg ghar-residenti huwa bi hlas.

Mistoqsi jekk fl-esperjenza tieghu ltaqax ma kazijiet ta' abbuz fejn persuna tkun registrata bhala resident f'zewg lokalitajiet differenti u ghalhekk ikollha zewg parkeggi residenzjali, ix-xhud wiegeb fin-negattiv.

Mistoqsi jekk jaqbilx illi parti sostanzjali mill-problema ta' parkegg f'kull lokalita` hija dovuta ghall-fatt illi hafna sewwieqa jippretendu illi ghandhom id-dritt illi jhallu l-vettura taghhom ipparkeggjata ghal zmien indefinit, ix-xhud insista illi l-problema hi li d-domanda ta' karozzi illi jridu jipparkjaw f'post, hija akbar mill-provvista ta' spazju f'dak il-post. Ix-xhud zied illi "domanda" tista' tigi definita bhala numru ta' karozzi mmultiplikat bil-hin illi jdumu. Huwa qal ukoll illi minhabba illi d-domanda u l-provista jvarjaw minn post ghall-iehor, mhux kull post f'kull lokalita` ghandu l-istess dimensjoni tal-problema, u allura s-soluzzjonijiet ivarjaw minn post ghall-iehor. B'referenza specifika ghall-aspett tal-problema illi gie mistoqsi dwaru, ix-xhud tenna illi f'xi lokalitajiet, is-soluzzjoni introdotta hija skema fejn ir-residenti jipparkjaw minghajr restrizzjoni, mentri l-ohrajn huma ristretti ghal numru ta' sighat.

[3] Ix-xhud spjega illi huwa ottjena tali informazzjoni billi f'xi cirkostanzi cempel lill-Kunsilli illi semma u staqsihom direttament u f'cirkostanzi ohra ottjena l-informazzjoni minn dokumenti illi sab fuq l-*internet*.

Mistoqsi kemm hemm postijiet ta' parkegg fil-Belt Valletta illi huma rizervati esklussivament ghar-residenti, il-gurnata kollha, ix-xhud wiegeb illi suggett ghall-verifika illi ried jaghmel, huwa kien taht l-impressjoni illi kien hemm madwar mitejn minn dawn il-postijiet ta' parkegg.

David Sutton, prodott mill-Awtorita` konvenuta a fol. 157 u fol. 159 et seq, xehed illi huwa jokkupa l-kariga ta' *Chief Officer* fi hdan l-*Integrated Transport Strategy Directorate*uhuwa involut fil-*Controlled Parking Schemes* in kontro-ezami xhed illi **Dok.DS1,** tirreferi ghall-parkegg in generali u mhux ghall-parkegg f'xi area partikolari.

Mill-ezempji illi jinghataw **f'Dok. DS1,** jirrizulta illi xi skemi ta' parkegg huma minghajr hlas ghar-residenti**,** filwaqt illi ohrajn jirrikjedu pagament, normalment ta' natura amministrattiva, kif spjegat f'**Dok. DS2**.

Mistoqsi jekk it-taxxa tal-kunsill hix pre-rekwizit ghall-hrug ta' permess ta' parkegg residenzjali fir-Renju Unit, ix-xhud iddikjara illima kienx f'pozizzjoni illi jwiegeb tali domanda, stante illi huwa ilu ma jghix fir-Renju Unit ghal dawn l-ahhar 22 sena. Ix-xhud irrileva pero`, illi l-iskemi ta' parkegg residenzjali fir-Renju Unit dahlu fis-sehh qabel l-introduzzjoni tat-taxxa tal-kunsilli fil-bidu tas-snin disghin.

Sa fejn jaf Sutton, hemm bosta pajjizi fejn tigi adoperata skema ta' parkegg residenzjali u ma tigi enforzata ebda taxxa f'dak ir-rigward.

Fuq suggeriment illi tali skemi ta' parkegg huma diskriminatorji ghaliex huma ta' pregudizzju ghal persuni ohra illi jkunu qieghdin ifittxu parkegg specjalment jekk ikun hemm spazji ta' parkegg vakanti pero` huma xorta wahda ma jkunux jistghu juzawhom, ix-xhud wiegeb illi l-immanigjar tat-traffiku huwa l-immanigjar tat-talba ghall-uzu ta' l-infrastruttura permezz tal-provvizjoni ta' l-infrastruttura. Meta jkun hemm domanda gholja u rizorsi limitati, il-Gvern irid jiehu decizjonijiet ta' *policy*.

Sutton spjega illi Malta ghandha *road network* ta' 2200 kilometru biss u *stock* ta' vetturi ta' 'l fuq minn 300,000. Dana jfisser illi d-domanda ghall-uzu hafna drabi

teccedi l-kapacita` ta' l-infrastruttura tat-toroq. F'dan ir-rigward, il-Gvern introduca politika sabiex jimmanigja d-domanda u l-provvista ta' toroq.L-ispazju tat-triq gie allokat ghal uzu specifiku – jew permanentement jew temporanjament– bhal per ezempju l-*policy* illi talloka spazju ta' parkegg rizervat ghal persuni b'dizabilita` illi hija konformi ma' *policies* Ewropej u internazzjonali.

Il-politika tal-Gvern talloka wkoll spazju tat-triq sabiex tassisti stabbilimenti kummercjali tramite *loading/unloading bays*; ghall-karozzi tal-linja u trasport pubbliku iehor; parkegg rizervat ghall-familjari ta' membri tal-gudikatura fejn ikun hemm necessita` ghal mizuri ta' sigurta` personali.

**Ikkonsidrat:**

Permezz tal-proceduri odjerni, l-atturi talbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara l-**Avvizi Legali 293 tal-2001** u **200 tal-2009** bhala diskriminatorji, u konsegwentement tiddikjara l-istess Avvizi Legali bhala nulli u minghajr effett.

Permezz tar-raba'(4) eccezzjoni taghhom, il-konvenuti eccipew illi t-talbiet kontenuti fir-Rikors Guramentat ipprezentat mill-atturi huma pjuttost vagi fis-sens illi l-atturi ma indikawx il-provvediment tal-Ligi illi fuqu qeghdin jibbazaw l-azzjoni taghhom. Ghalhekk il-konvenuti kienu talbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lill-atturi illi jispecifikaw taht liema Artikolu tal-Ligi huma qeghdin jibbazaw it-talbiet taghhom. B'danakollu, l-Perit Legali tirrileva illi l-atturi baqghu qatt ma taw ebda indikazzjoni tad-dispozizzjoni legali illi abbazi taghha huma qieghdin jippromwovu l-azzjoni odjerna. Madanakollu, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghhom, l-istess atturi stradaw l-argument legali taghhom abbazi tal-**Artikolu 45** tal-**Kostituzzjoni ta' Malta**.

Effettivament, l-atturi qeghdin jattakkaw l-provvedimenti tal-**Avvizi Legali 293 tal-2001 u 200 tal-2009** bhala diskriminatorji. Issa dawn l-Avvizi Legali bl-ebda mod ma jistghu jitqiesu bhala xi ghemil amministrattiv illi jista' jaqa' fl-ambitu tal-**Artikolu 469A** tal-**Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili**[4]. B'hekk l-Perit

[4]L-imsemmi **Artikolu 469A(2)** ifisser il-frazi *"ghemil amministrattiv"* bhala *"il-hrug ta' kull*

Legali kienet sodisfatta illi l-azzjoni attrici hija bbazata fuq l-**Artikolu 45** tal-**Kostituzzjoni ta' Malta.**

Ghaldaqstant l-Perit Legali qieset bhala sorvolati l-hames (5), is-sitt (6) u s-seba' (7) eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti riferibbilment ghall-azzjoni attrici in kwantu din setghet kienet ibbazata fuq l-**Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** illi jipprovdi proprju dwar *"Stharrig Gudizzjarju ta' Azzjoni Amministrattiva",*u sejra tillimita l-analizi taghha restrittivament ghat-talbiet u l-eccezzjonijiet relattivi tenut kont tal-**Artikolu 45** tal-**Kostituzzjoni ta' Malta** illi fuqu tippernja l-azzjoni attrici**.**

Permezz tat-tmien (8) eccezzjoni taghhom, il-konvenuti eccepew illi dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex il-gurisdizzjoni sabiex tisma' u titratta dwar l-azzjoni attrici in kwantu dina hija msejsa fuq l-**Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

Issa l-azzjoni proposta mill-atturi, illi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni fis-sens illi l-Ligijiet Sussidjarji minnhom citati huma anti-kostituzzjonali, hija kkontemplata fl-**Artikolu 46** tal-**Kostituzzjoni ta' Malta** illi jipprovdi testwalment:-

> *"(1) Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tas-subartikoli (6) u (7) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tallega li xi wahda mid-dispozizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (maghdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun giet, tkun qed tigi jew tkun x'aktarx ser tigi miksura dwarha, jew kull persuna ohra li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'Malta tista' tahtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla hsara ghal kull azzjoni ohra dwar l-istess haga li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju.*
>
> *"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandu jkollha gurisdizzjoni originali li tisma' u tiddeciedi kull talba maghmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u*

---

*ordni, licenzja, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita` pubblika, izda ma tinkludix xi haga li ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita`".*

*tista' taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq ta' kull wahda mid-dispozizzjonijiet tal-imsemmija artikolu 33 sa 45 (maghdudin) li ghall-protezzjoni taghhom tkun intitolata dik il-persuna:*

*"Izda l-Qorti tista', jekk tqis illi jkun disiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skont dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi Ligi ohra".*

Minn qari ta' dan l-Artikolu, johrog car illi l-gurisdizzjoni originali sabiex tigi indagata l-kwistjoni dwar jekk Ligi hijiex anti-kostituzzjonali, hija vesitita fl-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili. Il-mistoqsija illi tibqa' hija allura jekk l-**Artikolu 46** hux qieghed jirreferi ghall-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni ordinarja taghha, jew inkella ghall-istess Qorti fis-sede Kostituzzjonali taghha.

Il-Perit Legali ghamlet referenza ghas-Sentenza fl-ismijiet **Francis Paris et vs Maltacom p.l.c.**[5]**,** fejn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta enuncjat illi:

*"Tajjeb li jinghad, fl-ewwel lok, li fil-fehma tal-Qorti, materja ta' diskriminazzjoni ma hijiex rizervata biss ghall-investigazzjoni u rettifika mill-organi gudizzjarji kostituzzjonali. Jekk l-organi l-ohra, proprju bhal ma hi din il-Qorti, jistghu jipprovdu skond il-Ligi ordinarja rimedju xieraq u adegwat ghal-lezjoni, attwali jew mhedda, ta' jedd fondamentali, kien dan l-istess rimedju li kellu, u ghandu, fl-ewwel lok jigi mfittex. Ara a propozitu decizjoni ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet* Agius vs Galea Debono nomine, *moghtija fil-21 ta' Ottubru 2002. Fl-istess sens huma d-decizjonijiet ta' din il-Qorti fil-*

[5]Deciza nhar is-7 ta' Ottubru 2004 [Cit. Numru 480/2002/TM].

> *kawza Mifsud Bonnici et vs Tabone noe moghtija fl-24 ta' Settembru 2002 u fil-kawza Camilleri et vs The Cargo Handling Co. Ltd, moghtija fit-3 ta' Ottubru 2003".*

Minn dan jirrizulta allura illi, dejjem sakemm ikun hemm rimedji ordinarji illi jistghu jinghataw lill-attur, m'hemmx htiega illi kwistjoni dwar materja ta' diskriminazzjoni tigi riferuta lill-organi gudizzjarji ta' kompetenza kostituzzjonali. Madanakollu, fil-kaz odjern si tratta ta' talba ghal dikjarazzjoni illi Ligi hija anti-kostituzzjonali – rimedju jista' jinghata biss mill-Qrati ta' kompetenza kostituzzjonali.

Effettivament, fil-kaz ta' talba ghad-dikjarazzjoni illi Ligi hija anti-kostituzzjonali ai termini tal-**Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta,** l-**Artikolu 95(2)(c) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jiddetta illi l-appell ghandu jsir lill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali. Kwindi jsegwi illi l-qorti ta' prim'istanza f'dan il-kaz ghandha tkun l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) u mhux l-istess qorti fil-gurisdizzjoni originali taghha. Effettivament, l-imsemmi **Artikolu 95(2)** tal-**Kostituzzjoni ta' Malta** jikkontrasta mal-**Artikolu 34** tal-**Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** illi jipprovdi illi appell minn decizjoni tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza ordinarja taghha ghandu jigi intavolat quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell - anke jekk f'dik is-Sentenza jkunu gew diskussi u decizi punti ta' Ligi dwar drittijiet fondamentali tal-bniedem jew referenzi ghall-**Kostituzzjoni ta' Malta**[6]**.** Mela gialadarba l-Qorti tal-Appell tiehu konjizzjoni ta' sentenzi ta' prim'istanza anke fejn tkun giet trattata materja ta' indoli kostituzzjonali, izda l-**Artikolu 95(2)(c)** tal-**Kostituzzjoni** jirrikjedi illi l-appell f'kaz ta' dikjarazzjoni dwar

---

[6]Dan l-istess provvediment jaqra testwalment: -

> *"Hlief meta jkun hemm provdut mod iehor f'dan il-Kodici jew f'kull ligi ohra, mis-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili jista' jsir appell lill-Qorti tal-Appell:*
>
> *"Izda fil-kazijiet fejn kawza li tkun inbdiet permezz ta' rikors guramentat, u fejn ebda decizjoni esplicita ma tkun intalbet u nghatat dwar l-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni skond l-Artikolu 95(2)(d) tal-imsemmija Kostituzzjoni, tkun giet deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili b'sentenza li fiha jkunu gew diskussi u decizi punti ta' ligi dwar drittijiet fondamentali tal-bniedem jew referenzi kostituzzjonali bhala parti mill-mertu tal-kawza, il-Qorti tal-Appell ghandha xorta wahda tqis li hija kompetenti u li ghandha gurisdizzjoni biex tiddeciedi appell minn tali sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili".*

l-anti-kostituzzjonalita` ta' xi ligi jsir quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, isegwi illi l-proceduri ai termini tal-**Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jehtieg illi jigu intavolati quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali).

Ghalhekk l-Perit Legali qieset illi kienu korretti l-konvenuti meta jinsistu illi dina l-Qorti kif kostitwita m'ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma' u titratta dwar il-kwistjoni odjerna. Ovvjament, tibqa' d-diskrezzjoni ta' dina l-Qorti illi, jekk jidhrilha xieraq u opportun, b'applikazzjoni tal-principju tal-ekonomija tal-gudizzju, tordna illi jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega sabiex din l-azzjoni tigi deciza mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), f'liema kaz ir-rikors promotur ghandu jigi konvertit minn Rikors Guramentat ghar-Rikors ikkontemplat fil-kaz tal-azzjoni ai termini tal-**Artikolu 46** tal-**Kostituzzjoni ta' Malta.**

Permezz tal-ewwel (1) eccezzjoni taghhom, il-konvenuti jeccepixxu illi l-atturi m'ghandhomx l-interess guridiku mehtieg mil-Ligi sabiex jistitwixxu l-proceduri odjerni, u dana peress illi skond il-konvenuti, l-atturi ma gewx effetwati b'mod dirett u attwali bil-provvedimenti tal-**Avvizi Legali 293 tal-2001 u 200 tal-2009.**

L-estremi mehtiega mil-Ligi sabiex jigi stabbilit l-interess guridiku tal-attur illi jippromwovi azzjoni gew spjegati fis-sentenza fl-ismijiet **John Mary Sammut vs Emanuel Fenech**[7]fejn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta ddikjarat illi:-

> *"Id-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta' interess guridiku hija dik tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa "l'utilita` finale della domanda giudiziale nel tema dell'asserita ezistenza o violazione del diritto". Jekk l-azzjoni tkun inkapaci illi tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha jew ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista' jigi uzufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta (Vol LXXVI p2 p247).*

---

[7]Deciza mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili preseduta mill-Onorevoli Mhallef Geoffrey Valenzia nhar id-29 ta' Ottubru 2003 [Cit. Numru 1647/1999/GV].

> *"L-interess irid ikun guridiku, cioe` bazat fuq xi dritt pretiz lez tal-atturi (Ara Vol 37 p 3 p889; Vol LXXIV p3 p481; Mattirolo Vol 1 pag. 50; Mortara Vol 11 p558; Coen Vol 1 para 1 No. 2) ikun dirett (meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha) u personali (fis-sens li jirrigwarda l-attur) u jrid ikun konkret jew attwali cioe` jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt (Vol 32 p1 p540; p2 p257). Ara wkoll sentenza ta' dina l-Qorti Cita. Nru: 1054/95GV Prokuratur Legali Albert Agius Ferrante et vs l-Avukat Dottor Anthony Cremona Barbaro et deciza fit-28 ta' Marzu 1996)".*

Issa fil-kaz odjern, l-atturi qeghdin jilmentaw illi minhabba r-regolamenti dwar il-parkegg residenzjali kontenuti fl-**Avvizi Legali 293 tal-2001** u **200 tal-2009,** qieghda ssir diskriminazzjoni fil-konfront taghhom, peress illi huma qeghdin jigu prekluzi milli jipparkeggjaw minghajr ebda restrizzjoni f'zoni rizervati ghal residenti. Mis-Sentenza fl-ismijiet **Maria Victoria Borg et vs Sindku u Segretarju Ezekuttiv in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Pieta` et**[8]jirrizulta wkoll illi fil-passat, l-atturi kienu qalghu kontravvenzjoni talli pparkeggjaw il-vettura taghhom f'zona rizervata ghar-residenti tal-lokal tal-Pieta`.

F'kaz ta' ezitu pozittiv ta' dawn il-proceduri ghall-atturi, tieqaf id-diskriminazzjoni allegata mill-istess atturi, illi allura jibbenefikaw mill-gudizzju billi jkunu jistghu jipparkeggjaw il-vettura taghhom f'kull parti ta' Malta minghajr ebda restrizzjoni ta' xejn.

Ghalhekk, f'dan l-istadju, minghajr ma wiehed jidhol fis-sustanza tal-argument dwar jekk l-**Avvizi Legali 293 tal-2001** u **200 tal-2009** humiex verament diskriminatorji kif jinsistu l-atturi, u jekk l-atturi attwalment ghandhomx dritt fondamentali illi jipparkeggjaw il-vettura taghhom f'kull zona ta' Malta minghajr ebda restrizzjoni, l-Perit Legali qieset illi tal-inqas *prima facie*, l-atturi ghandhom l-interess guridiku mehtieg mil-Ligi sabiex jippromwovu l-azzjoni odjerna. Ghalhekk l-Perit Legali kienet tal-fehma illi l-eccezzjoni tal-konvenuti f'dan ir-rigward ghandha tigi michuda.

---

[8]Illi kopja taghha tinsab esebita in atti bhala **Dok. APP1.**

Permezz tat-tieni (2) eccezzjoni taghhom, il-konvenuti jeccepixxu illi l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta mhix legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri.

Fix-xhieda tieghu fil-kors tal-proceduri odjerni, Stephen Cachia fil-kapacita` tieghu ta' rapprezentant tal-istess Awtorita` konvenuta[9] ddikjara illi l-kwistjoni ta' skemi ta' parkegg residenzjali mhix regolata mill-istess Awtorita`, izda mill-Kunsilli Lokali.

Issa huwa minnu illi huma l-**Avvizi Legali 293 tal-2001** u **200 tal-2009,** illi jistabbilixxu zoni ta' parkegg residenzjali**,** izda dawn dahlu fis-sehh proprju *"wara konsultazzjoni mal-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta"*[10]. B'hekk l-Awtorita` konvenuta kienet involuta fil-promulgazzjoni tal-Ligi attakkata mill-atturi, in kwantu hija l-organu tal-istat illi jifformula l-politika dwar l-immaneggjar tat-trasport, inkluz ovvjament il-parkegg tal-istess mezzi tat-trasport, f'Malta.

Inoltre, l-atturi jargumentaw illi mhux gust illi huma jhallsu l-licenzja tas-sewqan bhal haddiehor, izda mbaghad huma prekluzi milli jipparkeggjaw liberament il-vettura taghhom f'lokalitajiet fejn huma m'humiex residenti, jew f'toroq partikolari fil-lokalita` ta' residenza taghhom fejn il-parkegg gie rizervat esklussivament ghar-residenti ta' dawk it-toroq partikolari. Issa, galadarba l-Awtorita` konvenuta hija l-awtorita` kompetenti illi tircievi l-hlas tal-licenzja tas-sewqan, l-Perit Legali kkonkludiet illi bl-ebda mod ma tista' l-Awtorita` konvenuta targumenta illi hija ghal kollox estranea ghall-mertu ta' dawn il-proceduri.

Ghaldaqtant, l-Perit Legali kienet tal-fehma illi t-tieni (2) eccezzjoni tal-konvenuti ghandha wkoll tigi michuda.

L-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni illi l-**Avvizi Legali 293 tal-2001 u 200 tal-2009** huma diskriminatorji, u kwindi nulli u minghajr effett skond il-Ligi.

Permezz tal-**Avviz Legali 293 tal-2001,** kienu gew stabbiliti Zoni Kkontrollati f'Ghawdex b'parkegg b'hinijiet ristretti ghal persuni illi m'humiex residenti fil-

[9]Vide xhieda tal-31 ta' Mejju 2010 a fol. 133
[10]Ara l-Avvizi Legali relattivi.

lokalitajiet indikati specifikatament fl-istess ligi sussidjarja. Tali regolamenti mbaghad gew estizi ghal diversi lokalitajiet madwar Malta u Ghawdex permezz tal-**Avviz Legali 200 tal-2009.**

L-atturi jilmentaw illi tali regolamenti huma diskriminatorji ghaliex jipprovdu trattament differenzjali ghal cittadini illi gejjin minn lokalitajiet differenti f'Malta u Ghawdex, minkejja illi dawn ihallsu l-istess licenzja tas-sewqan.

Permezz tat-tielet (3) u d-disa' (9) eccezzjonijiet taghhom, il-konvenuti eccepew illi ma tezisti ebda forma ta' diskriminazzjoni, illegalita` jew abbuz fl-Avvizi Legali attakkati mill-atturi.

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghhom, l-Onorevoli Prim Ministru u l-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni jissottomettu illi f'dan il-kaz ma tirrizulta ebda diskriminazzjoni ai termini tal-**Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u ai termini tal-**Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali** (aktar 'il quddiem imsejjha "Il-Konvenzjoni")**,** u dana stante illi sabiex tirrizulta tali diskriminazzjoni, jehtieg necessarjament illi din id-diskriminazzjoni allegata tkun abbinata mat-telfien tal-godiment ta' xi wiehed mid-drittijiet u/jew libertajiet fondamentali protetti mill-**Kostituzzjoni** u/jew mill-**Konvenzjoni**.

L-Onorevoli Prim Ministru u l-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjonijibdew billi jaghmlu referenza ghall-**Artikolu 45** tal-**Kostituzzjoni ta' Malta**illijipprovdi illi*"ebda ligi ma ghandha taghmel xi dispozizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effett taghha"***, izda jirrestringi** l-interpretazzjoni tal-kuncett ta' diskriminazzjoni bil-lista ezawrenti kontenuta fis-**sub-inciz (3)**dwar ic-cirkostanzi meta Ligi tista' titqies illi hija diskriminatorja:-

> *"Il-kelma "diskriminatorju" tfisser ghoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli ghal kollox jew principalment ghad-deskrizzjoni taghhom rispettiva skond ir-razza, post ta' origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identita` tal-generu li minhabba fihom persuni ta' deskrizzjoni wahda bhal dawn ikunu suggetti*

*ghal inkapacitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn ma jkunux suggetti ghalihom jew ikunu moghtija privileggi jew vantaggi li ma jkunux moghtija lil persuni ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn".*

L-Onorevoli Prim Ministru u l-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni jaghmlu referenza wkoll ghall-**Artikolu 14** tal-**Konvenzjoni** illi jipprovdi illi:

*"The enjoyment of the rights and freedoms set forth in this Convention shall be secured without discrimination on any ground such as sex, race, colour, language, religion, political or other opinion, national or social origin, association with a national minority, property, birth or other status".*

L-intimati jaghmlu referenza ghas-Sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **Abdulaziz, Cabales and Balkandali,** fejn gie enuncjat illi:-

*"Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence since it has effect solely in relation to "the enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter"*[11].

Minn dan isegwi, illi sabiex tirrizulta d-diskriminazzjoni kontemplata fil-**Kostituzzjoni** u fil-**Konvenzjoni**, jehtieg illi tali diskriminazzjoni tkun konnessa mal-

[11] Deciza nhar it-28 ta' Mejju 1985.

godiment ta' xi wiehed mid-drittijiet u/jew libertajiet fondamentali protetti mill-istess Ligijiet.

B'dan l-argument, l-intimati jsostnu illi d-dritt illi wiehed jipparkeggja l-vettura tieghu f'zona partikolari minghajr ebda restrizzjoni mhux dritt fondamentali protett espressament mill-**Kostituzzjoni**jew mill-**Konvenzjoni.** Ghalhekk minghajr pregudizzju ghall-argument illi r-restrizzjoni introdotta mill-Avvizi Legali attakkati mill-atturi mhix diskriminatorja, l-intimati jargumentaw illi restrizzjoni dwar parkegg mhix leziva tad-drittijiet u libertajiet protetti kostituzzjonalment u konvenzjonalment, u ghalhekk ma taqax fil-parametri tal-**Artikoli 45 tal-Kostituzzjoni u 14 tal-Konvenzjoni**.

Filwaqt illi taqbel mal-argument tal-intimati in kwantu dan jirrigwarda l-provvedimenti tal-**Konvenzjoni**, l-Perit Legali ma tikkondividix mal-opinjoni fir-rigward tal-**Artikolu 45** tal-**Kostituzzjoni ta' Malta.** Dana ghaliex, kif tghallimna s-sentenza fl-ismijiet **Michael Anthony Henley vs Il-Prim Ministru et**[12]**,** taht il-**Kostituzzjoni** taghna mhux mehtieg illi d-diskriminazzjoni tkun abbinata mal-godiment ta' dritt jew liberta`fondamentali:-

> *"Filwaqt illi l-Artikolu 45 jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fil-ligijiet in generali, fl-effetti taghhom u fl-applikazzjoni taghhom (ez.minn ufficjali pubblici), l-Artikolu 14 jiggarantixxi biss mid-diskriminazzjoni "it-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati [fil-] Konvenzjoni". Dritt jew liberta` li ma jaqax jew ma taqax ragjonevolment b'xi mod fl-ambitu ta' xi wiehed mill-Artikoli 2 sa 13 tal-Konvenzjoni ma jistax ikun is-suggett ta' tutela taht l-Artikolu 14."* [Enfasi Mizjud mill-Qorti].

**Issa min-Nota ta' Sottomissjonijiet ipprezentata minnhom, jidher illi l-atturi qeghdin jillimitaw l-azzjoni taghhom ghall-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. B'hekk zgur illi ma jistax jinghad illi ghandha awtomatikament tigi eskluza kull**

[12] Deciza mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) preseduta mill-Onorevoli Mhallef Vincent Degaetano nhar il-15 ta' Frar 2002 [Rikors Kostituzzjonali Numru 14/2001/VG].

**possibilita` ta' diskriminazzjoni ghaliex dina ma tolqotx il-godiment ta' dritt jew liberta` fondamentali protetta mill-istess Kostituzzjoni.**

It-tieni argument tal-konvenuti huwa fis-sens illi s-sistema ta' parkegg residenzjali kienet mehtiega fid-dawl tal-interess pubbliku u bhala strategija sabiex jintlahaq bilanc bejn l-interessi tar-residenti u ta' dawk illi mhumiex residenti.

A fol. 143 et seq Emanuel Delia fil-kapacita` tieghu ta' Kap tas-Segretarjat fi hdan il-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, spjega illi l-ghan wara l-iskemi ta' parkegg residenzjali huwa sabiex tigi indirizzata l-problema kkawzata mill-fatt illi f'certi lokalitajiet f'Malta, id-domanda ghall-parkegg hija akbar mill-provvista ta' spazju. Bhala ezempji, ix-xhud semma l-kaz tal-Belt Valletta u l-iMdina. Huwa spjega illi l-iskemi ta' parkegg residenzjali jigu introdotti skond il-bzonnijiet ta' kull lokalita` partikolari, ghaliex hemm lokalitajiet fejn ir-residenti jipparkjaw minghajr ebda diffikulta` u ghalhekk ma tkunx mehtiega skema ta' parkegg residenzjali, filwaqt illi hemm lokalitajiet ohra fejn il-parkegg huwa ristrett u ghalhekk ikun hemm htiega illi tigi introdotta tali skema.Ix-xhud spjega illi skemi ta' parkegg illi jaghtu priorita` lil residenti fuq sewwieqa ohra jinsabu komunement fi kwalunkwe gurisdizzjoni bi problemi simili ghal dawk ta' Malta. L-iskema illi tigi applikata trid tkun proporzjonata mal-bzonn, u hu ghalhekk illi l-iskemi illi huma applikati f'Malta, bhal dawk ta' kwalunkwe pajjiz iehor, ivarjaw minn lokalita` ghall-ohra skond il-htiega.

David Sutton a fol. 159 et seq, bhala *Chief Officer* fi hdan l-*Integrated Transport Strategy Directorate* spjega illi Malta ghandha *road network* ta' 2,200 kilometru biss u aktar minn 300,000 vettura fit-triq. Ghalhekk id-domanda ghall-uzu ta' parkegg, hafna drabi teccedi l-kapacita` ta' l-infrastruttura tat-toroq. Huwa ghalhekk illi l-Gvern introduca politika sabiex jimmanigja d-domanda u l-provvista ta' toroq billi l-ispazju tat-triq jigi allokat ghal uzu specifiku fejn mehtieg.

L-atturi pproducew lil Stephen Cachia bhala rapprezentant tal-Awtorita` konvenuta u lill-Prokuratur Legali Edgar Montanaro sabiex jipprovaw illi certu Peter Borg, detentur tal-Karta tal-Identita` 506234(M), illi kien attwalment residenti gewwa San Giljan, kien registrat fir-Registru Elettorali bhala residenti l-Floriana. Jargumentaw illi b'dan il-mod, l-istess Borg kien qieghed igawdi minn permess sabiex jipparkeggja

f'zoni ta' parkegg residenzjali fil-Floriana minghajr ebda restrizzjoni, meta fil-fatt huwa lanqas biss jirrisjedi hemm.

Il-Perit Legali ma kellha ebda dubju illi, bhal kull sistema ohra illi jista' johloq il-bniedem, is-sistema ta' parkegg residenzjali tista' tkun soggetta ghal abbuz. Madanakollu, dana ma jfissirx illi s-sistema ghandha tigi kkancellata sempliciment ghaliex ikun hemm min jabbuza minnha – jekk stess, ghandhom jigu indirizzati l-abbuzi.

Il-Perit Legali llamentat l-fatt illi hadd mill-partijiet f'dawn il-proceduri ma pproduca statistika sabiex jiggustifika l-argument favur jew kontra l-iskemi ta' parkegg f'pajjizna. Madanakollu, huwa fatt maghruf illi f'certi lokalitajiet, partikolarment dawk ta' interess partikolari ghat-turisti jew ghal skopijiet kummercjali jew rikreattivi bhall-iMdina, il-Belt Valletta, tas-Sliema, San Giljan u s-Swieqi, jesperjenzaw cirkolazzjoni kbira hafna ta' vetturi u konsewentement it-talba ghall-parkegg teccedi bil-wisq l-ispazju disponibbli. Li kieku ma jkunx ghal dawn l-iskemi ta' parkegg, il-hajja tar-residenti f'dawn il-lokalitajiet issir insapportabbli, u ghalhekk verament huwa mehtieg illi jintlahaq bilanc bejn l-esigenza ta' dak illi jzur lokalita` saltwarjament ghall-fini rikreattiva jew kummercjali, u r-residenti illi jridu jaffaccjaw il-problemi tal-parkegg fuq bazi giornaliera u anke diversi drabi kuljum.

Effettivament, il-gurisprudenza, kemm lokali, kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea, **zviluppat maz-zmien il-principju tal-proporzjonalita**`. Hekk per ezempju, fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Paris et vs Maltacom p.l.c.**[13]**,** insibu illi:-

> *"Il-kriterji biex tirnexxi l-azzjoni bazata fuq diskriminazzjoni kienu gew ampjament diskussi mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza <u>Vassallo et vs Kummissarju tal-Pulizija,</u> deciza fis-16 ta' Awwissu 1976, fejn dik l-Onorabbli Qorti esprimiet ruhha fit-termini segwenti:-*

[13]Deciza minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mhallef Tonio Mallia nhar is-7 ta' Ottubru 2004 [Cit. Numru 480/2002/TM].

*"Il-principju tan-non-diskriminazzjoni hu ovvjament wiehed mill-pilastri tas-sistema kollu tal-protezzjoni tad-drittijiet fondamentali u jillumeggja dak l-aspett tar-rule of law li jipproklama l-ugwaljanza tac-cittadini kollha quddiem il-ligi. Kif esprima ruhu Gerhard Muller, President tal-Qorti Kostituzzjonali Federali tar-Repubblika Federali tal-Germanja: "it is through this very principle of equality which prohibits any arbitrary procedure and is closely related to the principle of justice itself that the whole system of fundamental rights is given its finishing touch...". Qabel xejn pero` ghandu jigi nnotat illi mhux kull differenzazzjoni jew dizugwaljanza ta' trattament hi per se diskriminazzjoni entro l-projbizzjoni tal-imsemmi artikolu 46 (illum 45). Din il-projbizzjoni, fiha nnifisha ovvja u indubitabbli, giet fil-fatt ikkunsidrata mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-dawl tad-differenza testwali fl-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-bniedem fejn fit-test Franciz hemm uzati l-kliem sans distinction aucune u fit-test Ingliz without discrimination, u dak it-tribunal internazzjonali qal hekk: "In spite of the general wording of the French version ... Article 14 does not forbid every difference in treatment in the exercise of the rights and freedoms recognised ... The version must be read in the light of the more restrictive text of the Emglish version ... In addition and in particular, one would reach absurd results were one to give Article 14 an interpretation as wide as that which the French version seems to imply. One would, in effect, be led to judge as contrary to the Convention every one of the legal and administrative provisions which do not secure to everyone complete equality of treatment in the enjoyment of the rights and freedoms recognised. The competent national authorities are frequently confronted with situations and problems which, on account of differences inherent therein, call for different legal solutions; moreover certain legal inequalities tend only to correct factual inequalities. The extensive interpretation mentioned above*

> *cannot consequently be accepted ...". Dan hu konformi mal-interpretazzjoni ta' diskriminazzjoni moghtija anke minn diversi tribunali nazzjonali, li cioe` l-kuncett tal-ugwaljanza ta' trattament ma jistax jigi intiz fis-sens assolut jew aritmetiku ddivorzjat mic-cirkostanzi u kondizzjonijiet inerenti li tkun qieghda tigi ezaminata .... Differenzazzjoni pero` biex tkun legittima trid tirpoza fuq bazi objettiva u ragjonevoli, tenut kont tal-ghan u l-effetti tal-mizuri in ezami, u jrid ikun hemm rapport ragjonevoli ta' proporzjonalita` bejn il-mezzi impjegati u l-iskop vizwalizzat".*

Issa kif diga` sottomess, huwa minnu illi individwu illi ma jirrisjedix f'lokalita` partikolari fejn il-parkegg huwa problematiku, u li jzur tali lokalita` saltwarjament, jista' jsib diffikulta` biex jipparkja meta rinfaccjat bi skemi ta' parkegg ghar-residenti. Izda din id-diffikulta` certament illi bl-ebda mod ma tista' titqabbel mal-martirju giornalier illi jkollhom isoffru l-povri residenti f'lokalitajiet ambiti kif ga` msemmi, li kieku ma jittiehdux mizuri appoziti bl-introduzzjoni ta' skemi ta' parkegg residenzjali. Ghalhekk, l-Perit Legali kienet tal-fehma illi f'dan il-kaz gew soddisfatti l-kriterji ta' bilanc u proporzjonalita` illi jiggustifikaw l-eccezzjoni ghall-principju tad-diskriminazzjoni kif spjegat fid-dettall fis-sentenza su-citata.

Inoltre l-Perit Legali sostniet illi l-iskemi ta' parkegg residenzjali, jolqtu mhux biss lill-atturi, izda prattikament lil kull resident f'Malta u Ghawdex. Dan ghaliex, per ezempju, resident tal-Belt Valletta illi jibbenefika minn skema ta' parkegg fl-istess Belt, meta jzur l-iMdina, isib ruhu "diskriminat" ossia differenzjat fis-sens illi ma jkunx jista' jipparkja f'postijiet rizervati ghar-residenti tal-iMdina. B'hekk ma jistax jinghad illi permezz tad-dhul fis-sehh tal-**Avvizi Legali** minnhom impunjati, l-atturi nghataw trattament differenti minn haddiehor, ossia minn kull cittadin Malti iehor – jew sahansitra kull vizitatur illi sempliciment jinzerta Malta ghal ftit granet. Il-fatt illi l-atturi forsi jirrisjedu f'lokalita` fejn il-problema ta' parkegg mhix akuta bizzejjed sabiex tiggustifika l-htiega ta' skemi ta' parkegg ma jbiddel xejn minn dan l-argument – ghaliex effettivament tfisser illi l-atturi ma jirriskontrawx problemi ta' parkegg vicin ir-residenza taghhom. Bl-istess argument tal-atturi illi skemi ta' parkegg jintuzaw bhala espedjent u munita politika sabiex il-kunsilliera jaqdu lill-votanti preferuti

taghhom, wiehed jistenna illi jekk fil-lokalita` fejn jirrisjedu l-atturi jkun hemm problema ta' parkegg, il-Kunsill Lokali jkun pront u jintroduci skemi ta' parkegg – u b'hekk l-atturi jkunu, kif fil-fatt huma, ezattament l-istess pozizzjoni ta' kull persuna ohra f'Malta. M'hemm l-ebda differenzazzjoni ingustifikata f'dan u kwindi l-atturi naqsu millli jissodisfaw il-kriterji essenzjali sabiex tigi promossa b'success azzjoni dwar id-diskriminazzjoni kif kontemplata fl-**Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.** Skond l-insenjament tas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Aquilina et**[14]:

> *"Biex jigi mistharreg l-ilment taht l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti jidhrilha xieraq li jinghad illi llum il-gurnata huwa stabbilit sewwa illi* ***biex jitqies illi jkun inghata trattament diskriminatorju konrta persuna, jehtieg jirrizulta li (a)*** ***<u>jkun inghata lil persuna trattament differenti minn dak moghti lil persuna jew ghadd ta' persuni ohrajn (b) li jkunu fl-istess qaghda jew wahda li tixbahha,</u> (c) liema trattament differenti ma jkunx oggettivament jew ragjonevolment misthoqq jew (d) jekk f'dak it-trattament tkun nieqsa l-proporzjonalita` bejn l-ghan mixtieq u l-mezz uzat*** *"*. [Enfasi Mizjud

Ghalhekk l-Perit Legali kienet tal-fehma illi fil-kaz odjern ma tirrizultax id-diskriminazzjoni ai termini tal-**Kostituzzjoni ta' Malta** kif jippretendu l-atturi.

Saret referenza ghas-Sentenza fl-ismijiet **Maria Victoria Borg et vs Sindku u Segretarju Ezekuttiv in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Pieta`**[15]illi abbazi taghha l-atturi pprocedew bl-azzjoni odjerna. L-Perit Legali rrilevat illi kien minnu illi permezz ta' dik is-Sentenza kienet giet dikjarata nulla u minghajr effett il-kontravvenzjoni bin-numru 071-07367-1 illi l-atturi odjerni kienu qalghu talli

---

[14] Deciza mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) preseduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef nhar it-23 ta' Lulju 2008 [Referenza Kostituzzjonali Numru 54/2007].

[15] Deciza minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mhallef Lino Farrugia Sacco nhar il-31 ta' Jannar 2007 u kkonfermata fl-Appell nhar id-19 ta' Mejju 2009 [Appell Civili Numru 949/2004].

pparkeggjaw il-vettura taghhom f'zona ristretta ghall-ipparkeggjar mir-residenti tal-lokalita` tal-Pieta`. Izda dik l-azzjoni ma kinitx imsejsa fuq il-premessa illi l-iskema tal-ipparkeggjar *de quo* kienet diskriminatorja, izda fuq **il-premessa illi l-Kunsill Lokali kien agixxa *ultra vires* is-setghat tieghu meta introduca l-istess zona.** Minn qari tas-sentenza jirrizulta illi attwalment, il-Kunsill Lokali Pieta` introduca sistema ta' parkegg residenzjali meta ma kienx awtorizzat illi jaghmel dan ai termini tal-**Att XV tas-sena 1993** – izda dan certament illi mhux il-kaz illum. Ghalhekk, kuntrarjament ghal dak illi jippretendu l-atturi, is-Sentenza illi huma irnexxielhom jottjenu fil-konfront tal-Kunsill Lokali Pieta` fl-2009 ma kinitx tirrigwarda l-istess principji legali illi jirregolaw il-materja odjerna. **Hemmhekk si trattava ta' agir *ultra vires;* hawnhekk il-kwistjoni hija ta' indoli ghal kollox differenti, trattandosi ta' ligi sussidjarja allegatament diskriminatorja.** B'hekk is-sentenza illi fuqha jistriehu l-atturi bl-ebda mod ma taghmel stat f'dawn il-proceduri.

Il-Perit Legali kkonkludiet illi dina l-Qorti ghandha: -

**a.** Tilqa' t-tmien (8) eccezzjoni sollevata mill-konvenuti, b'dan pero` illi dina l-Onorabbli Qorti jista' jidhrilha xieraq u opportun illi tippermetti l-korrezzjonijiet necessarji sabiex tigi salvata l-procedura intavolata mill-atturi fid-dawl tal-principju tal-ekonomija tal-gudizzju;

U f'kaz illi ssir il-korrezzjoni msemmija: -

**b.** Tiddikjara illi r-raba' (4) eccezzjoni ma tehtiegx illi tigi trattata ulterjorment peress illi jirrizulta illi l-atturi effettivament stradaw l-azzjoni taghhom fuq l-**Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;**

**c.** Konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames (5), is-sitt (6) u s-seba' (7) eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti stante illi dawn kienu diretti lejn il-possibilita` illi l-azzjoni attrici kienet ibbazata fuq l-**Artikolu 469A** tal-**Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**d.** Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ghaxar (10) eccezzjoni sollevata mill-konvenuti peress illi effettivament din kienet ta' indoli proceduráli *pendente lite* illi

setghet biss taffettwa l-procediment ta' dina l-kawza ossia l-produzzjoni tal-provi fl-istess u effettivament ma timmeritax gudizzju finali;

**e.** Tichad l-ewwel (1) eccezzjoni sollevata mill-konvenuti peress illi jirrizulta illi l-atturi kellhom l-interess guridiku rikjest mil-Ligi sabiex jippromwovu l-azzjoni odjerna;

**f.** Tichad it-tieni (2) eccezzjoni sollevata mill-konvenuti u tiddikjara illi l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta hija effettivament legittima kontradittrici fl-azzjoni odjerna;

**g.** Tilqa' t-tielet (3) eccezzjoni sollevata mill-konvenuti u tiddikjara illi f'dan il-kaz ma jirrizultawx id-diskriminazzjoni, illegalita` jew abbuz allegati mill-atturi;

**h.** Tilqa' d-disa' (9) eccezzjoni sollevata mill-konvenuti peress illi ma tirrizultax diskriminazzjoni ai termini tal-**Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali** (ghalkemm ma jirrizultax min-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-atturi illi huma qieghdin jibbazaw l-azzjoni taghhom fuq il-Konvenzjoni Ewropea)**;**

*a.* Tichad l-ewwel (1) talba peress illi ma tirrizultaxid-diskriminazzjoni kontemplata fl-**Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;** u

*b.* Tichad it-tieni (2) talba;

*c.* Tordna ulterjorment illi l-ispejjez tal-ewwel (1) u t-tieni (2) eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti jigu inkorsi mill-istess konvenuti f'ishma ugwali bejniethom, filwaqt illi l-ispejjez rimanenti jigu sopportati esklussivament mill-atturi.

**Ikkonsidrat;**

Din hija azzjoni li tirrigwarda allegata diskriminazzjoni sofferta minhabba l-iskema ghall-parkegg riservat ghar-residenti tal-lokalita, permezz ta' liema r-rikorrenti qieghdin jattakkaw il-provvedimenti tal-Avvizi Legali 293 tal-2001 u 200 tal-2009 li jippremettu li huma diskriminatorji.

Din il-Qorti kienet tkun kompetenti sabiex tiddisponi mill-kawza odjerna u tiddeciedi fuq il-diskriminazzjoni allegatament sofferta mir-rikorrenti, li kieku kienet tista' tipprovdi skont il-ligi ordinarja rimedju xieraq u adegwat ghal lezjoni allegata. Pero, kif jidher min-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, huma qed jibbazaw l-azzjoni taghhom fuq il-Kostituzzjoni ta' Malta. Ghalhekk ir-rimedju li qed ifittxu r-rikorrenti m'huwiex wiehed li jista' jigi provdut taht il-ligi ordinarja, izda biss taht il-Kostituzzjoni. Konsegwentement, il-Qorti taqbel perfettament mal-konkluzjoni tal-Perit Legali illi din il-Qorti, qua qorti ordinarja, m'hijiex kompetenti sabiex tiddisponi mill-azzjoni kif imposta mir-rikorrenti.

Pero, il-Qorti tqis illi ma jkunx ghaqli li sempliciment tiddkjara ruhha inkompetenti, meta tista' minflok, minghajr ma tohloq l-ebda pregudizzju ghal partijiet, tikkonverti ruhha f'sede kostituzzjonali, sabiex b'hekk tkun kompetenti illi tiddisponi mill-azzjoni odjerna. Il-Qrati taghna dejjem kienu tal-opinjoni illi l-formalizmu eccessiv ghandu jigi evitat, ghall-ekonomija tal-gudizzju u sabiex jigu evitati spejjez zejda ghall-partijiet.

Ghalhekk, il-Qorti kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Sede Kostituzzjonali, sabiex tkun f’qaghda illi tiddisponi minn din l-azzjoni.

**Ikkonsidrat;**

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, l-intimati jargumentaw illi d-disriminazzjoni tista' sehh biss fl-ambitu ta' trattament differenti moghti lill-persuna a bazi tar-razza, post ta' origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi jew sess. Huwa minnu illi dawn huwa il-'*protected grounds*' skont il-Kostituzzjoni ta' Malta. Pero, l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jipprovdi lista li m'hijiex ezawrijenti kif jidher mid-dicitura tal-artikolu stess:

> *"The enjoyment of the rights and freedoms set forth in this Convention shall be secured without discrimination on any ground such as sex, race, colour, language, religion, political or other opinion, national or social origin, association with a national minority, property, birth **or other status**."*

Filfatt, dan l-artikolu gie uzat sabiex jipproteggi individwi minn diskriminazzjoni a bazi tal-orjentazzjoni sesswali taghhom,[16] f'sitwazzjoni ta' gender reassignment wara intervent kirurgiku[17] u f'kaz ta' persuni imwielda barra miz-zwieg.[18] Gie ritenut filfatt illi

> "**[i]*ndeed, any criterion of differentiation may be potentially examined under Article 14 ECHR, whether or not it has traditionally been listed among the prohibited forms of discrimination in international human rights law*** *: for instance, the European Court of Human Rights took the view in 2005 that, with regard to child benefits, there are no sufficient reasons justifying difference of treatment on one hand of aliens who are in possession of a stable residence permit, and on the other of those who are not, although this criterion is not traditionally considered as suspect in international human rights law and, indeed, may seem to be at the foundation of immigration law."*[19]

Barra minn hekk, skont l-Explanatory Report to Protocol No. 12 to the ECHR, a par. 20

> *"expressly including certain additional non-discrimination grounds (for example, physical or mental disability, sexual orientation or age) [appeared to the drafters of the Protocol as] unnecessary from a legal point of view since the list of non-discrimination gounds is not exhaustive, and because inclusion*

---

[16] Ara per ezempju: **Salgueiro da Silva Mouta v. Portugal,** ECHR 33290/96 deciza 21 ta' Dicembru 1999.
[17] Ara per ezempju: **Christine Goodwin v. the United Kingdom**, ECHR 28957/95 deciza 11 ta' Lulju 2002.
[18] Ara per ezempju: **Mazurek v. France**, ECHR 34406/97 deciza 1 ta' Frar 2000.
[19] Oliver de Schutter, 'The Prohibition of Discrimination under European Human Rights Law: Relevance for the EU non-discrimination directives – an update' (2011) 17.

> *of any particulat additional ground might give rise to unwarranted a contrario interpretations as regards discrimination based on grounds not so included."*

Ghalhekk huwa car illi huwa legalment permissibbli ghar-rikorrenti illi jressqu dan l-ilment ta' diskriminazzjoni, anke jekk il-bazi ta' diskriminazzjoni allegata minnhom m'hijiex espressament inkluza fil-lista relevanti.

**Ikkonsidrat**;

Fil-kaz odjern ir-rikorrenti ibbazaw il-kaz taghhom biss fuq l-allegata diskriminazzjoni. Pero, l-artikoli li jiggarantixxu protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni ma jistghux jigu applikati independentement ghaliex m'ghandhom ezistenza awtonoma, izda jistghu biss jigu applikati in konnessjoni ta' dritt fondamentali iehor protett mill- Konvenzjoni Ewropea waqt li fis-sostanza ma rrezultax ebda trattament differenzjali ingustifikat, kif kontemplat fl-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.[20]

Il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament ta' dawn il-Qrati:

> *"kif pacifikament assodat f'bosta decizjonjiet il-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrolabbli mill-gudikant, tant li kif jinghad fl-Artikoli 681, Kapitolu 12, il-Qorti mhux marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha . Gie deciz, izda, illi* ***"dan ma jfissirx pero' illi l-Qorti tista' taghmlu b'mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunjiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami" ("Philip Grima -vs-Carmelo Mamo et nomine",***

[20]Ara per ezempju: **Botta v. Italy,** ECHR21439/93 deciza 24 ta' Frar 1998 u **Vilho Eskelinen v. Finland**, ECHR 63235/00 deciza 19 ta' April 2007.

> *Appell 29 ta' Mejju 1998). **"Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero' kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku." ("Anthony Cauchi -vs- Carmel sive Charles Mercieca."** Appell 6 t'Ottubru 1999; **"John Saliba –vs-Joseph Farrugia",** Appell, 19 ta' Novembru 2001);"*

Il-Qorti tikkondividi mal-konkluzjonijiet raggunti mill-perit legali, taddotthom u taghmilhom taghha u ma jirrizulta ebda raguni impellanti li tikkonvinci lil din il-Qorti titbieghed mir-rizultanzi raggunti.

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi in vista tal-konverzjoni taghha f'Sede Kostituzzjonali, tichad r-raba' eccezzjoni tal-intimati, u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames, sitt, u seba' eccezzjoni tal-intimati, tilqa' t-tmin eccezzjoni parzjalment, tichad l-ewwel, t-tieni u l-ghaxar eccezzjoni tal-intimati, izda tilqa' t-tielet u disgha eccezzjoni tal-intimati u ghalhekk tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

L-ispejjez ghandhom jithallasu in kwantu ghal zewg terzi ($^{2}/_{3}$) mir-rikorrenti u in kwantu ghal terz ($^{1}/_{3}$) mill-intimati.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**